StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

## IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) ĦIN: Siegħa u Nofs

**L-Isem: ______________________________________ Il-Klassi: _______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT taqsimiet. L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet kollha u jaqraw sew l-istruzzjonijiet f'kull taqsima. L-istudenti għandhom iwieġbu Taqsima F fuq karta separata.**

**Taqsima A: Imla l-vojt bil-kliem li ġejjin:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| prinċipji | mezzi tax-xandir | dmir | personali | relazzjonijiet |
| ħolistika | sehmu | valuri | id-drittijiet | komunikazzjoni |

1. Il-bniedem iwettaq ir-rwol tiegħu meta jagħti ______________________________ fis-soċjetà.
2. Il-valuri tas-soċjetà huma ______________________________ ta' x'inhu tajjeb u ħażin.
3. ______________________________ huwa dak li jien, bħala ċittadin, għandi nagħti lis-soċjetà.
4. Fost ______________________________ li ngawdu hemm il-libertà tal-kelma.
5. Il-valuri li jħaddan kull individwu jissejħu valuri ______________________________ .
6. Il-bniedem jifforma ______________________________ ma' bnedmin oħra għax huwa ħlejqa soċjali.
7. Kull bniedem għandu r-responsabbiltà li jgħix b'______________________________ tajba.
8. Il-valuri soċjali jistgħu jinxterdu iżjed malajr permezz tal-______________________________.
9. L-Internet huwa mezz ta' ______________________________ tal-massa.
10. Is-saħħa ______________________________ hija fejn hemm l-aspetti kollha tas-saħħa.

**(10 marki)**

**Taqsima B: Immarka t-tweġiba t-tajba.**

1. Trejd unjons huma dawk l-għaqdiet li
   a) jieħdu ħsieb l-interessi tal-ħaddiema.
   b) jieħdu ħsieb iċ-ċittadini tal-pajjiż
   c) jieħdu ħsieb lil min jimpjega

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Ħin ħieles huwa
   a) ħin li fih nista' nitgħażżen
   b) ħin tax-xogħol
   c) ħin li nuża biex nistrieħ

3. Il-konsumatur huwa dak li
   a) jmur ibigħ
   b) jqassam il-prodotti fil-ħwienet
   c) jmur jixtri

4. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa hija għaqda
   a) ta' pajjiżi li ma jridux gwerer
   b) li ssellef flus lill-pajjiżi l-fqar
   c) li tara li l-livell ta' saħħa fil-pajjiżi kollha jkun għoli

5. Saħħa **pubblika** hija
   a) saħħa għal parti mill-popolazzjoni
   b) immirata lejn il-poplu kollu
   c) immirata lejn l-anzjani

6. Il-kura **preventiva** tinkludi
   a) kura fl-isptar
   b) operazzjonijiet
   c) tilqim għat-trabi u t-tfal

7. Il-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa jinkludu
   a) l-Internet, it-televizjoni, ir-radju u l-gazzetti
   b) it-telefon tad-dar u dak ċellulari
   c) l-ittri u l-*faxes*.

8. Identità nazzjonali tiġi permezz ta'
   a) it-trasport pubbliku
   b) it-toroq Maltin
   c) kultura, lingwa u stil ta' ħajja

9. Il-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ tgħin lil
   a) persuni bi problema tad-droga
   b) persuni biex isibu x-xogħol
   c) nisa msawta

10. Meta ħaddiema jieħdu sehem fit-tmexxija ta' kumpanija, din tissejjaħ
   a) parteċipazzjoni
   b) votazzjoni
   c) elezzjoni

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C: Għid jekk hux VERU jew FALZ, u għid għaliex:**

1. It-televiżjoni huwa wieħed mill-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa. Veru/Falz

   Għaliex ____________________

2. Jekk nuża l-ħin ħieles tajjeb inkun qed nieħu ħsieb is-saħħa mentali tiegħi. Veru/Falz

   Għaliex ____________________

3. L-irġiel u n-nisa m'għandhomx jagħmlu l-istess tip ta' xogħol. Veru/Falz

   Għaliex ____________________

4. Kull ħaddiem għandu jirrispetta lil dawk li qiegħed jaħdem magħhom. Veru/Falz

   Għaliex ____________________

5. Meta tmur tixtri m'hemmx għalfejn iżżomm riċevuta. Veru/Falz

   Għaliex ____________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Aqra din is-silta u wieġeb fid-dettall il-mistoqsijiet KOLLHA.**

*Il-bniedem għandu bżonn jgħix ma' ħaddieħor, fil-familja u fis-soċjetà. Biex jagħmel hekk irid jikkomunika, jiġifieri juri dak li jħoss u jaħseb. Fl-istess ħin irid jifhem dak li qiegħed jgħid u jaħseb f'ħaddieħor. Il-bniedem jista' jikkomunika wiċċ imb'wiċċ direttament. Jista' wkoll iċempel jew jikteb lil xi qraba, ħbieb u nies oħra. Imma biex in-nies jitkellmu ma' ħafna f'daqqa, iridu jużaw mezzi ta' komunikazzjoni oħra. Għal din ir-raġuni l-bniedem żviluppa mezzi biex jikkomunika ma' numru kbir ta' nies f'daqqa - dawk li nsejħulhom* mass media.

**Mistoqsijiet**

1. Jista' l-bniedem ma jikkomunikax u jgħix għal rasu? Spjega għaliex.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________ (5 marki)

2. Il-*mass media* għaliex jissejħu hekk? Semmi **ERBA'** minnhom.

____________________

____________________

____________________

____________________

____________________ (5 marki)

3. Semmi **ERBA'** funzjonijiet tal-*mass media* fis-soċjetà.

____________________

____________________

____________________

____________________ (4 marki)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. It-televiżjoni jista' jservi ta' ħsara. Semmi **TLIET** modi biex issaħħaħ l-argument.

(6 marki)

5. L-iktar *mass medium* reċenti huwa l-Internet. Tkellem dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu.

(5 marki)
**(25 marka)**

**Taqsima E: Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA fid-dettal.**

1. Għaliex il-konsumatur għandu bżonn ikun jaf id-drittijiet tiegħu? Semmi **TLIET** drittijiet.

(5 marki)

2. Jeżistu prodotti li huma *eco-friendly*. Semmi **TNEJN** minn dawn u għid kif il-konsumatur jista' jgħin biex ma jħammiġx l-ambjent.

(5 marki)

3. Kif tista' tagħti sehmek biex tgħin fil-komunità meta jkollok ħin ħieles?

(5 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. X'nifhmu b'**sens ċiviku**?

(5 marki)

5. Fejn huwa possibbli l-anzjani għandhom jibqgħu jgħixu fil-komunità. Għaliex? Semmi **TLIET** servizzi li jingħataw biex dan iseħħ.

(5 marki)

**(25 marki)**

**Taqsima F**: **Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma dwaru.**

1. Ikteb dwar is-servizzi tas-saħħa f'Malta. Semmi u ddiskuti xi servizzi pubbliċi, privati u dawk volontarji.
2. Għid kif żagħżugħ li waqa' f'xi vizzju jista' jsib kif joħroġ minnu. Semmi l-għajnuna li jista' jirċievi mingħand aġenziji filantropiċi, mill-Istat, mill-komunità u mill-familja.
3. Barra ċ-ċittadinanza Maltija, il-Maltin għandhom dik Ewropea u dik globali. Għid kif tista' tkun ċittadin ta' dawn kollha f'daqqa.

**(20 marka)**

**100 marka**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers